MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 1273/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**

**VS**

**Noel Xuereb, iben Philip u Rosaria nee' Cauchi, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17.08.1971, residenti fil-fond numru 26, Susanne, Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' numru 421471M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Noel Xuereb** li gie akkuzat talli:

Nhar id-9 ta' Dicembru, 2008, ghall-habta ta' bejn it-3.15pm u t-3.30pm, gewwa Haz Zebbug Football Club,

f’Misrah San Filippu, Zebbug, volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Anton Agius skont kif iccertifikat it-Tabib Dr A Gauci MD Reg No 3039 gewwa l-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna lil Anton Agius jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hebb kontra Anton Agius sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi qal kliem hazin u dagha fil-pubbiku;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu (folio 8).

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 5), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat il-provi kollha migjuba.

Ghalhekk l-Ispettur Sandra Zammit xehdet li kien ghamel rapport certu Anton Agius dwar il-griehi li hu allegatament sofra minn idejn l-imputat minhabba xi kwistjoni ta’ self ta’ flus minghand missieru Philip. Qal mal-Ispettur dan Agius illi mar ikellem lil Philip Xuereb fuq hekk, u fuq l-argument li skondtu nqala’ ma’ ibnu l-imputat, dan spicca tah daqqa ta’ ponn go wiccu.

Ikkonfermat din l-Ispettur illi Philip Xuereb, allura missier l-imputat, kien bniedem fi kliemha “severament pupletku” (folio 11). Ezebiet l-istqarrija mehuda lill-imputat folio 15; ic-certifikat mahurg dwar il-griehi ta’ Agius folio 17 – gravi.

Minn naha tieghu PS 1585 James Weatherhill ezebixxa l-PIRS report tal-incident de quo.

Xehed ukoll il-ferut Anton Agius. Rat ukoll dak verbalizzat a folio 41, ripetut fix-xhieda tieghu, illi Agius kien qieghed jahfer lill-imputat.

Agius xehed illi mar ikellem lil missier l-imputat dwar xi flus illi kien issellef minghandu, dan gara gewwa l-football club ta’ Haz Zebbug. Qal illi tbaxxa ghax ghalih dan kien bil-qieghda fuq siggu, u kellmu go widnejh. Hawn skondtu ndahal l-mputat li staqsa lil missieru kinx dan Agius tah il-flus. Wiegbu dan Agius innifsu li kien sejjer jaghtihomlu filghaxija. Zied Agius illi ma kinx jaf x’qallu hu, u lanqas x’qallu Agius. Jaf illi xejjirlu daqqa ta’ ponn go mniehru.

Ikkonferma li kien jahfirlu u anke li ried iwaqqa’ l-kaz.

Dr Annalise Gauci xehdet u kkkonfermat illi Agius sofra griehi ta’ natura gravi minhabba ksur fl-ghadma ta’ minehru. Mistoqsija ghax tali frattura fl-imnieher kinitx tfieq fi zmien tletin gurnata, wiegbet illi ma setghetx tghid f’kemm.

L-akkuzat ghazel illi jixhed. Qal illi missieru pupletku gia’ fi zmien tal-incident de quo, kien fil-football club ta’ Haz Zebbug. Qal illi missieru, minhabba l-kundizzjoni tieghu ma kinx jiftiehem jitkellem. Rah jibki.

Ra lil Agius jghajjat mieghu. Qal illi tal-bar hareg biex izommu bil-kwiet, poggieh bil-qieghda u tah café. Xehed illi hu lil Agius “Qbadt u tfajtu ‘l barra u x’gara ma nafx izjed……li tfajt lil Antoine ‘l barra.” (folio 64).

In kontro ezami kkonferma li tefghu ‘l barra lil Agius, dan biex ma jsawwatx lil missieru. Innega li tah daqqa ta’ ponn, jghid illi biss imbuttah. Ma kinx jaf xi griehi sofra, ma rahx jaqa’ mal-art.

Brian Fenech ingab bhala xhud in difesa. Xehed dan illi hu kien sid il-hanut Zebbugt Rangers Football Club, li dahal

Agius imlaqqam l-…., u Lippu maghruf il-Boxer kien gol-club bil-qieghda, …..Dahal dan Agius u beda jipponta subajgh f'ghajnejn Lippu, u dan dwar xi flus. Jghid illi hawn dahal l-imputat, beda jistaqsi x'gara u mbotta lil dan Agius 'il barra. Qal illi hareg izomm lill-imputat.

Ikkonferma li Philip il-Boxer, kien bniedem disabled.

Dwar kif l-imputat imbotta lil Agius, qal hekk "Imbotta lil dan l-Ispuction 'il barra……Imbuttah. Qabdu u ramieh 'il barra." (folio 68)

Mistoqsi Agius hawn waqax mal-art, wiegeb illi ma kinx jaf, ghax hu mar jigbed lil Noel 'il gewwa. Lanqas ma kien jaf jekk Agius kellux xi griehi f'wiccu.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda mismugha jirrizulta bla dubju li Anton Aguis sofra griehi ta' natura gravi. Dr A Gauci qalet dan in kwantu ghall-fatt illi l-x-ray kien juri ksur fis- septum, cioe' l-ghadma tal-imnieher.

Issa certament m'hemmx ghalfejn qbil kif Agius spicca hekk imwegga', certament pero u bla dubju dan gralu hekk tort tal-imputat. Issa minn naha tieghu, dan Agius kien car meta xehed u qal illi fil-fatt hu kien qala' daqqa ta' ponn go mniehru minghand l-imputat. Jaqbel li dan gara meta l-imputat sabu jkellem (jew jargumenta) ma' missieru l-Lippu, li minghandu Agius kien issellef xi flus.

Dan huwa dak li rrapporta a tempo vergine Agius lill-pulizija skont ir-rapport ta' PS 1525 Weatherhill, Dok JW a folio 23.

Minn naha tieghu l-imputat xehed u anke qal fl-istqarrija li hu semplicement imbotta lil Agius meta rah jilletika ma' missieru b'subajgh go wiccu. Imbotta mhux tah bil-ponn!

Xhud indipendenti, Brian Fenech, jaghti dawl ahjar fuq dak li gara. L-ewwel jghid illi Xuereb imbotta lil Agius 'il

barra. Meta pero gie mistoqsi mill-Qorti kif imbuttah, wiegeb “Imbuttah. Qabdu u ramieh ‘il barra.” (folio 18).

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta li Xuereb ma kinx daqstant manjan f’azzjonietu daqskemm qed jaghti x’jifhem; u considerando li Agius hadd ma rah jaqa’, allura l-griehi li sofra huwa certament u bla dubju huma aktar kompatibbli ma’ daqqa ta’ ponn.

Issa Agius fix-xhieda tieghu jghidilna li hu mar b’mod kalm u manjan ikellem lil Lippu l-Boxer fuq xi self ta’ flus, anzi jghid illi ghax kien fuq siggu tbaxxa u beda jkellmu f’widnejh.

Minn naha l-ohra kemm l-imputat kif ukoll Brian Fenech, xehdu li dan Agius kien aktar aggressiv lejn Lippu, b’dan illi beda jipponta subaghjh f’ghajnejn Lippu. L-imputat zied fuq dan illi Agius beda anke jghajjat ma’ missieru.

Din allura, skont id-Difiza, hija x-xena li ra l-imputat meta dahal jipprotegi lil missieru. Konsegwentement qed tinvoka d-Difiza ta’ legittima difesa. Ghandu jinghand ukoll illi d-Difiza fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, ghamlet analizi tajba u ferm akkurata tal-elementi li jsostnu din l-eccezzjoni. Il-Qorti fil-fatt, ser taghmel referenza ghal decizjoni citata fl-istess nota, senjalament dik fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Psaila”, Qorti Appell Kriminali, datata 20.01.1995), fejn intqal hekk:
“*L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f’dak il-mument biex jevita xi periklu li ma setax jigi evitat b’xi mod iehor.*”
Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut; u ma jridx ikun xi periklu antecipat.

Issa, accettando l-fatt illi Philip Xuereb, missier l-imputat, kif xehdu l-istess imputat u Fenech, hu pupletku (ghalkemm ma ngabet ebda prova ta’ dan), il-fatt biss illi Noel Xuereb ra lil Agius jghajjat f’wicc missieru u jipponta subghajh f’ghajnejh - aggressjoni diretta lejn ragel fuq wheel chair, kien jimmerita li jattakka lil Agius, u jehles mill-periklu lil missieru billi jaghtih daqqa ta’ ponn u jiksirlu mniehru?? Ma setax – tistaqsi din il-Qorti, tenut kont ta’

dak li kien ra l-imputat, minflok, jehles lil missieru minn dan il-periklu billi semplicement verament inehhi lil Agius minn hdejn missieru? Ma tqisx il-Qorti fil-fatt illi l-azzjoni esagerata ta' Xuereb tikkombaca mal-elementi li jissodisfaw il-legittima difesa.

Tqis illi kien fil-fatt eccessiv f'dan, cioe' kien eccessiv f'uzu ta' forza lejn is-sitwazzjoni li hu gie rinfaccat biha, cioe' fi kliemu ragel jghajjat ma' missieru, pupletku.

Hawn il-Qorti, bhall-Abbli Avukat Difensur, ser ticcita dak li qal il-Profs Mamo fin-noti tieghu, "Notes on Criminal Law", Pagna 238:

"*A person, while engaged in self-defense or in carrying out an act which the law enjoins or permits, may exceed the bounds of moderation and an injury to life or limb may ensue. This, according to the general principles of the law, is an offence. It constituted what in Italian law is styled '**Un eccesso di difesa**' or '**Un eccesso nell'esercizio dei propri doveri…….'** As a rule, when any similar excess is committed, the persons convicted of such an excess are dealt with as a person who commits an excusable homicide or an excusable bodily harm……To give an instance, if a person can defend himself and avoid danger by wounding his assailant or maiming him, he would not be justified in killing him, even though he be the victim of an assault." (Debates, Vol XXXIII, cl. 148).*"

Dwar il-piena, rat ghalhekk l-Artikoli 216, 223, 224, 227, 230(d), 233 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-fedina penali tal-istess akkuzat.

Dwar il-piena, considerando c-cirkostanzi tal-kaz, tqis illi m'ghandux ibaghti piena karcerarja effettiva, u qieghda ghalhekk tikkundannah ghal sitt(6) xhur habs sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u torbot lil Noel Xuereb bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal zmien sena(1) mill-lum versu s-somma ta'

€2,300, u dan sabiex ma jivvessax, ma jdejjaqx, jew jiffitta lil Anton Agius.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------